# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 4**

**Rikors numru 191/2016/1 LM**

**Ruth sive Gertrude Carabott u b'digriet tal-25 ta' April 2023 il-kunjom ġie sostitwit bil-kunjom Ciangura**

**v.**

**Joseph Mifsud**

**PRELIMINARI:**

1. Dan il-każ jirrigwarda inċident awtomobilistiku li seħħ f'Marsaxlokk fit-3 ta' Marzu 2013 bejn il-vettura KIM-713 misjuqa mill-attriċi u x-xarabank BUS-174 misjuq mill-konvenut. Riżultat tal-inċident l-attriċi sfat midruba u kellha tagħmel operazzjonijiet kemm Malta kif ukoll l-Ingilterra.

2. Permezz ta' din il-kawża li ġiet intavolata fl-**10 ta' Marzu 2016** l-attriċi talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara li għall-inċident in kwistjoni kien jaħti unikament il-konvenut, u sabiex konsegwentement tikkundannah iħallasha in linea ta' danni dik is-somma li tiġi likwidata minnha okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-**26 ta' Settembru 2018** il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' **€34,755.67** [€9,243.53 x 20 (*multiplier*) = €184,870.60 x 23.5% (diżabilità permanenti) = €43,444,59 – 20% (ħlas f'darba)] in linea ta' danni sofferti minnha bħala *lucrum cessans* konsegwenza tal-inċident.

4. Minn tali sentenza:

(a) **fit-8 ta' Ottubru 2018 il-konvenut interpona appell prinċipali** fejn talab lil din il-Qorti **tħassar** is-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu u tiċħad it-talbiet tal-attriċi; u sussidjarjament, f'każ li din il-Qorti ssib responsabbiltà fih (ta' liema grad ikun) in rigward l-akkadut, tillikwida d-danni f'ammont inferjuri għal dak iffissat mill-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata; u

(b) **<u>fit-3 ta' Marzu 2019 l-attriċi ressqet appell inċidentali</u>** fejn talbet lil din il-Qorti **<u>tirriforma</u>** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-konvenut responsabbli għall-inċident, iżda tvarjaha fil-likwidazzjoni tad-danni billi filwaqt li tikkonferma "*multiplier*" ta' għoxrin sena, taddotta perċentwali ta' diżabilità ta' 25% flok 23.5%, tasal għal salarju medju ta' €805 fix-xahar, u ma tnaqqasx l-20% bħala *lump sum payment*, biex b'hekk id-danni likwidati jiġu jammontaw għal **€48,300** jew fl-agħar ipotesi għal **€43,470** jekk titnaqqas 10% biss bħala *lump sum payment* [€805 x 12 x 20 x 25% = €48,300 – 10% = €43,470], u għaldaqstant tilqa' t-talbiet attriċi u dawn l-aggravji kontenuti fl-appell inċidentali tagħha, u tiċħad l-eċċezzjonijiet u l-aggravji kontenuti fl-appell ewlieni tal-konvenut. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenut appellant.

5. Għal intendiment aħjar ta' dawn l-appelli din il-Qorti qiegħda tirriproduċi partijiet mis-sentenza appellata.

"Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-10 ta' Marzu, 2016 mill-attriċi **Ruth sive Gertrude Carabott** (ID numru 22769M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

*1. Illi fit-3 ta' Marzu, tas-sena elfejn u tlettax (03/03/2013) għal xi 12.10pm hija u ssuq il-karozza targata KIM-713 fi Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, sejra fid-direzzjoni ta' Birżebbugia, hija sfat milquta mix-xarabank targat BUS-174 misjuq mill-intimat li kien ġej minn faċċata;*

*2. Illi dan l-inċident ġara unikament tort tal-intimat minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, imprudenza, u non-osservanza*

*tar-regolamenti tat-traffiku da parti unikament tiegħu;*

*3. Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident l-esponenti sofriet danni mhux biss fil-vettura tagħha iżda wkoll sofriet feriti ta' natura permanenti fuq persunitha kif jidher miċ-ċertifikat mediku hawn unit u mmarkat 'Dok. A' u kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*4. Illi l-esponent interprellat lill-intimat permezz ta' ittra uffiċjali tat-22 ta' Jannar, 2015 iżda dan baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:-*

*1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara nhar it-3 ta' Marzu, 2013 għal xi 12:10pm fi Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, meta fil-waqt li kien qed isuq ic-charabanc targat BUS-174 huwa baqa' dieħel fil-karozza targata KIM-713 misjuqa mill-esponenti hija u ġejja mill-faċċata, u per konsegwenza l-esponenti sofriet danni mhux biss fuq il-karozza tagħha iżda wkoll danni ta' natura permanenti fuq il-persuna tagħha, liema inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti unikament tiegħu;*

*2. Tillikwida d-danni kaġunati lill-attriċi okkorrendo permezz ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istanti s-somma rispettiva hekk likwidata in linea ta' danni kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Jannar, 2015, tal-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment, u bl-imgħax legali skont il-liġi kontra lkonvenut minn issa inġunt biex jidher personalment għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Joseph Mifsud** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fil-31 ta' Mejju, 2016 u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

*1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

*2. Illi l-inċident stradali li seħħ fit-tlieta (3) ta' Marzu 2013, waqt li l-esponenti kien qed isuq il-vettura numru ta' reġistrazzjoni BUS-174 ma seħħx minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, imprudenza jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-esponenti, iżda seħħ tort unikament tar-rikorrenti Ruth sive Gertrude Carabott li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KIM 713 fil-ħin tal-istess inċident, u dana minħabba negliġenza, traskuraġni, non-kuranza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess rikorrenti;*

*3. Illi in vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent in linea ta' danni mill-intimati;*

*4. Illi, f'kull każ, kwalsiasi danni għandhom ikunu reali u ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi.*

*5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' April, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

***…omissis…***

Ix-xhieda li semgħet il-Qorti ħafna drabi kienet konfliġġenti, bix-xhieda li tellgħet l-attriċi jattribwixxu l-kawża tal-inċident għall-fatt li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, tant li xhud minnhom Mark Grech jgħid li l-konvenut kien għaddej b'mod 'xkanat', filwaqt li l-konvenut ċaħad dan u huwa korroborat mix-xhieda ta' Rita Azzopardi, uffiċjal ta' Malta Public Transport Services, li esebiet kopja tal-logs tal-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenut, li jindikaw li sa ftit qabel l-inċident, dan kien għaddej b'veloċità ta' madwar 50 kilometru fis-siegħa. Il-konvenut Joseph Mifsud allega li l-ħabta kienet waħda *head on*, u skont hu l-kawża tal-inċident kien li l-attriċi ma kienx moħħha fit-triq, u jgħid li lemaħha tħares lura ftit qabel ma seħħ l-impatt. Il-konvenut allega wkoll, li l-attriċi kienet qiegħda ssuq fil-karreġġjata tiegħu fil-ħin tal-impatt, u li dan il-fattur, flimkien mal-fatt li hi ma kinitx għajnejha fuq it-triq, wasslu għall-inċident inkwistjoni. Mill-provi rriżulta wkoll li l-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenut twaqqfet f'distanza konsiderevoli 'l bogħod minn fejn seħħ l-impatt.

Din il-Qorti tosserva li meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda mressqa mill-partijiet, bħal fil-każ odjern, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.

***…omissis…***

Minn dak li semgħet il-Qorti, jirriżulta li għalkemm il-konvenut ma kienx qiegħed isuq b'veloċità li tista' titqies 'eċċessiva', madanakollu tenut kont li l-konvenut kien qiegħed isuq f'niżla karozza tal-linja li minnha nnifisha għandha ċertu tunnellaġġ, u li kienet mimlija b'madwar 60 passiġġier b'kollox, kif irriżulta mill-provi, din tiġi ferm aktar tqila mill-karozza żgħira misjuqa mill-attriċi, li fiha jirriżulta li kien hemm ħames persuni biss, il-konvenut kellu l-obbligu li juża kawtela ferm akbar milli kieku kien qiegħed isuq kwalsiasi tip ta' vettura oħra. Il-konvenut kellu ukoll joqgħod ferm aktar attent sabiex jassigura ruħu li jekk ikun hemm il-ħtieġa li hu jwaqqaf ħesrem il-karozza tal-linja misjuqa minnu kif ġara f'dan il-każ, hu jkun f'pożizzjoni li jista' jagħmel dan mingħajr ma jipperikola s-sitwazzjoni la għall-passiġġieri li kienu rekbin miegħu, u lanqas għall-persuni li jistgħu jkunu fit-triq. Veloċità li għall-konvenut tista' titqies li hi 'normali' ma hi normali xejn meta wieħed jikkunsidra d-diversi fatturi li l-konvenut kien qiegħed isuq fihom, fosthom il-fatt li l-vettura misjuqa minnu għandha ċertu piż u kobor li jista' jirrendiha mhux daqstant faċli biex tiġi kkontrollata meta jkun hemm il-ħtieġa li din titwaqqaf ħesrem, u li kwalunkwe impatt li din seta' jkollha ma' vetturi ferm iċken fid-daqs minnha, jista' jħalli konsegwenzi serji ħafna. Fil-fatt jidher ċar li din kienet waħda mid-diffikultajiet li ffaċja l-konvenut u li sabiex waqaf, hu kellu jwaqqaf il-karozza tal-linja f'distanza konsiderevolment 'il bogħod minn fejn seħħ l-*ispot of impact.*

Jirriżulta wkoll li x-xhieda tal-konvenut u ta' PS Race Desira li l-ħabta kienet waħda *head-on*, mhijiex waħda verosimili, stante li mir-ritratti esebiti jirriżulta li l-ħsara li ġarrbu l-vetturi hija aktar tipika ta' ħabta li sseħħ pinna ma' pinna (fanal ma' fanal) milli ta' ħabta frontali. Anki l-fatt li l-vettura misjuqa mill-attriċi, wara l-impatt spiċċat daret tliet darbiet qabel ħabtet mal-iskips u waqfet, tindika li l-ħabta ma kinitx waħda frontali, iżda waħda li tefgħet il-vettura tal-attriċi ddur fit-triq, sakemm fl-aħħar sabet ma' xiex tieqaf u waqfet. Li kieku l-ħabta kienet waħda frontali, kif jallega l-konvenut, kien hemm riskju li l-vettura misjuqa mill-attriċi kienet tispiċċa mgħaffġa mill-karozza tal-linja, u li l-konsegwenzi jkunu ferm agħar milli kienu.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li xehed il-konvenut, li qal li kienet l-attriċi li invadiet il-karreġġjata tiegħu, u li l-i*spot of impact seħħ* fil-karreġġjata li kien għaddej minnha hu. Ġie kkunsidrat ukoll li fl-atti ta' dawn il-proċeduri ġie ppreżentat skizz mill-attriċi stess, li jindika li l-ispot of impact kien proprju fil-karreġġjata li kien qiegħed isuq fiha l-konvenut, fattur dan li jtendi għall-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant li kienet l-attriċi li invadiet ilkarreġġjata tal-konvenut, u li konsegwentement din għandha tinżamm responsabbli għal dan in-nuqqas da parti tagħha. Madanakollu waqt is-smigħ tal-provi, saret allegazzjoni li l-iskizz inkwistjoni ma kienx sar mill-Pulizija li marru fuq ix-xena tal-inċident, u dan minkejja l-konferma ta' PS Race Desira li kien hu li ħejja dan l-iskizz, imma dan kien skizz li ġie ppreparat għas-soċjetà assiguratriċi ta' Malta Public Transport Services, għalkemm mhuwiex ċar min tabilħaqq għamel dan l-iskizz. Mir-ritratti esebiti a fol. 53 u 54 tal-proċess, li juru eżattament dak li kien baqa' fuq il-post tal-inċident ftit

wara li dan seħħ, il-Qorti mhix konvinta li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tal-konvenut, kif ipprova jsostni l-konvenut. Aktar hi attendibbli t-teżi tal-attriċi li l-konvenut kien qiegħed isuq viċin il-linja medjana minħabba d-dgħajjes li kienu pparkeġġjati fil-ġenb tan-naħa tiegħu tat-triq, u li kien għalhekk li bejn iż-żewġ vetturi kien hemm impatt, u li ma jistax jintqal b'konvinċiment li l-inċident seħħ minħabba li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tal-konvenut. Minn dan isegwi li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għad-danni li ġew ikkaġunati lillattriċi konsegwenza ta' dan l-inċident, u f'dan l-istadju jifdal li jiġu likwidati ddanni li għandhom jitħallsu lilha.

Mill-provi jirriżulta li l-attriċi kienet mara tad-dar u li din kellha 43 sena meta seħħ l-inċident li affettwalha ħajjitha tant li l-esperti mediċi qablu li din sofriet debilità permanenti fil-grad ta' bejn 22% u 25%. Għall-finijiet ta' prattiċità, il-Qorti ser tieħu l-medja bejn il-gradi ta' diżabilità permanenti stabbiliti mill-esperti mediċi maħtura minnha, u ser tadotta grad ta' 23.5% għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid issir.

***… omissis…***

M'hemm l-ebda dubju li minkejja li l-attriċi hija mara tad-dar, hija xorta waħda għandha tiġi kkumpensata għal telf ta' qligħ li setgħet sofriet minħabba f'dan l-inċident. F'deċiżjoni fejn il-mertu kien simili ħafna għal dak odjern, fl-ismijiet **Mary Farrugia vs Agnes Borg et**[1], intqal is-segwenti:

> *"Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-attriċi għalkemm mara tad-dar u nonostante li ma tipperċepixxix paga mingħand datur tax-xogħol uffiċjali, hija xorta hija intitolata għal kumpens ta' telf ta' qliegħ. Dan huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna kurrenti u ċioe għalkemm mara miżżewġa ma kellhiex impjieg fiż-żmien tal-korriment, xorta jistħoqqilha tingħata kumpens adegwat għall-ġrieħi sofferti minnha fl-inċident dannuż siccome llum huwa ġustament meqjus illi x-xogħol ta' mara tad-dar jista' jissarraf f'ħidma ekonomika, għalhekk illum huwa paragonat ma' impjieg bi qliegħ effettiv."*

F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tqis il-kejl tal-paga minima nazzjonali bħala lpaga bażika li fuqha għandha ssir il-komputazzjoni tad-danni lucrum cessans sofferti mill-attriċi, li fis-sena 2013 kienet ta' €8,433.88.[2] Dan l-ammont irid jiżdied b'0.96%[3], minħabba fir-rata tal-inflazzjoni medja fl-aħħar ħames snin, sabiex b'hekk is-salarju bażiku medju li ser tkun qiegħda taħdem fuqu lkomputazzjoni tagħha l-Qorti huwa ta' €8,433.88 + €10,053.18 / 2 = €9,243.53.

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier*,

[1] P.A., 24.10.2016.
[2] Ara l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (L.S. 452.71).
[3] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

li fis-sentenza flismijiet **Paul Vassallo et noe vs. Carmelo Pace**[4] ġie stabbilit li hu:

> *"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq laspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life'.*
>
> *...*
>
> *Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan ilqasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."*

Fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attriċi kellha tlieta u erbgħin sena (43), u għalkemm il-*multiplier* m'għandux ikun strettament marbut mal-età tal-irtirar, il-Qorti tħoss li *multiplier* ta' 20, tenut kont li l-età tal-irtirar preżentement hija ta' ħamsa u sittin (65) sena, huwa ġust u adegwat fiċ-ċirkostanzi.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien fl-intavolar tal-kawża jew id-dewmien tal-proċeduri.

Madanakollu il-Qorti tħoss li f'dan il-każ ma kienx hemm tali dewmien, u li għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs. Emanuel Xuereb pro et noe**[5], il-Qorti qalet hekk:

> *"Fir-rigward tar-riduzzjoni għal lump sum payment il-Qorti ... jidhrilha li ... ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal lump sum payment jekk ma jkunux għaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perijodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."*

Tenut kont tal-fatt li l-inċident seħħ fl-2013 u l-kawża ġiet intavolata madwar tliet snin wara, l-attriċi xehdet li f'dan iż-żmien hi kienet qattgħet tul ta' żmien fuq siġġu tar-roti u tirċievi l-kura, filwaqt li s-sentenza ser tkun qiegħda tingħata fi żmien sentejn minn meta ġiet intavolata l-kawża, il-Qorti tqis li f'an il-każ m'għandux ikun hemm ebda riduzzjoni mit-tnaqqis ta' 20% għal *lump sum payment.*

---

[4] Q.A., 05.03.1986.
[5] P.A., 05.10.1995.

Għalhekk id-danni li sofriet l-attriċi bħala *lucrum cessans* konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, qegħdin jiġu likwidati b'dan il-mod - €9,243.53 x 20 (multiplier) = €184,870.60 x 23.5% (diżabilità permanenti) = €43,444.59 - 20% (ħlas f'darba) = €34,755.67.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

**2. Tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli għallinċident mertu tal-kawża;**

**3. Tillikwida d-danni kkaġjonati lill-attriċi fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, seba' mija u ħamsa u ħamsin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€34,755.67);**

**4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi lammont hekk likwidat bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.**

**Tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.**"

## Rikors tal-appell tal-konvenut (08.10.2018):

6. L-aggravji tal-konvenut appellant huma, fil-qosor, is-segwenti:

(i) Ir-responsabbiltà għall-inċident:

Fl-ewwel aggravju tiegħu l-konvenut isostni li kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, kienet l-attriċi li unikament ikkaġunat il-ħabta in kwistjoni. Jenfasizza li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tiegħu. Jilmenta bil-fatt li l-Ewwel Qorti skartat l-iskizz tal-pulizija meta dan tqiegħed f'dubju fuq allegazzjoni tal-attriċi stess, liema allegazzjoni ma ġietx pruvata, u fejn in oltre r-ritratti jikkombaċjaw mal-istess skizz. Kwantu għall-veloċità ifakkar li t-*tracking data* turi li fil-ħin tal-

inċident <u>kien għaddej b'36km</u> fis-siegħa u għalhekk mhux b'veloċità sfrenata, u b'referenza għall-ġurisprudenza fir-rigward jargumenta li anke kieku għall-grazzja tal-argument biss kellu jitqies li kien għaddej b'veloċità eċċessiva, kellu jirriżulta li tali veloċità eċċessiva kienet il-kawża prossima immedjata tal-inċident, li mhux il-każ ladarba <u>l-kawża prossima immedjata tal-inċident kien il-fatt li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tiegħu.</u>

(ii) <u>Il-kwantum tad-danni:</u>

Fit-tieni aggravju tiegħu (u bla preġudizzju għall-ewwel aggravju) isostni li l-<u>*multiplier* ta' 20 addottat mill-Ewwel Qorti għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni in linea ta' *lucrum cessans* huwa esaġerat</u> u ma jirriflettix il-ġurisprudenza nostrana li tibbaża l-*multiplier* fuq l-aspettattiva lavorattiva tal-persuna, inkluż iċ-*chances and changes of life.*

**<u>Risposta tal-appell tal-attriċi u appell inċidentali (03.01.2019):</u>**

7. L-attriċi wieġbet biex tgħid għaliex l-aggravji mressqa mill-konvenut appellant huma infondati u jimmeritaw li jiġu miċħuda.

8. Hija mbagħad interponiet appell inċidentali fir-rigward tal-kwantum

tad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti bħala *lucrum cessans,* ċjoè dak ta' €34,755.67, u minflok tippretendi li kellha tieħu €48,300 jew €43,470. Spjegat li l-punti ta' kontestazzjoni huma prinċipalment tlieta: (i) il-perċentwali tad-diżabilità, (ii) ir-rata tal-inflazzjoni, u (iii) t-tnaqqis ta' 20% bħala *lump sum.*

**Risposta tal-konvenut għall-appell inċidentali tal-attriċi (11.02.2019):**

9. Il-konvenut appellant wieġeb għall-appell inċidentali tal-attriċi fejn ta r-raġunijiet tiegħu għaliex l-aggravju tagħha fir-rigward huwa infondat.

**PROVI:**

10. Il-verżjonijiet tal-kontendenti dwar id-dinamika tal-inċident huma ferm kontrastanti.

**(a) Verżjoni tal-attriċi:**

(i) L-attriċi Ruth *sive* Gertrude Carabott:

11. Mir-rapport tal-inċident magħmul minn PS 966 Race Desira[6] jirriżulta li l-verżjoni mogħtija mill-attriċi eżatt wara l-ħabta, ċjoè dakinhar

[6] Dok RD1 et seq

tat-3 ta' Marzu 2013 stess, hija s-segwenti:

> *"Jien kont ġejja mid-dar u kif dort minn Triq il-Port Ruman lejn il-pitch ta' Marsaxlokk sibt tal-linja ma' wiċċi u daħal fija."*

12. Fl-affidavit tagħha[7] magħmul fit-8 ta' Lulju 2016 l-attriċi xehdet hekk:

> *"Kif ħriġt fi Triq il-Kavallerizza dort fid-direzzjoni ta' Birżebbugia. Kont insuq bi speed baxx ta' 25m.p.h. u appena wasalt fil-curva tat-triq, rajt mill-faċċata ġej charabanc bi speed qawwi li nikkalkola ta' aktar minn 60m.p.h. Kien allura ġej min-naħa ta' Birżebbuġia fid-direzzjoni ta' Marsaxlokk. Ic-charabanc kien jinstaq fin-nofs tal-linja medjana tat-triq u kif rani beda jipprova jidħol f' postu fil-karreġġjata proprja tiegħu. Ngħid li c-charabanc qala' daqsxejn 'il barra u qabeż il-linja medjana peress illi fuq ix-xellug kien hemm, u għad hemm, anke illum, dgħajjes kbar ipparkeġġjati fit-triq fuq ix-xellug tax-charabanc……. Appena rajt ic-charabanc dieħel għal fuqi, nikkalkolha li kien mal-erba'/ħames karozzi 'l bogħod minnu, naf li applikajt il-brakes u daqshekk għax saret il-ħabta, bic-charabanc jolqotni fuq il-pinna leminija ta' quddiem u jdawwarli l-karozza tiegħi tliet darbiet. Bl-ispeed li kien għaddej ic-charabanc waqaf ferm 'il bogħod mill-karozza tiegħi li spiċċat rasha 'l isfel tħares lura lejn Marsaxlokk…."*

13. Kontroeżaminata[8] xehdet hekk:

> "*Jien kont nieżla minn Triq il-Port Ruman, kif inżilt dort, wasalt kont għadni ma qbiżtx il-pitch, kif eżatt dort, ix-xarabank peress li hemmhekk ikun hemm il-boats mal-ġenb, kienet qabżet lejja u jien żammejt il-brake u dan sar l-impact."*

(ii) <u>Oħt l-attriċi, Roberta Ciangura:</u>

14. Il-verżjoni mogħtija minn oħt l-attriċi dakinhar tal-inċident stess, fit-3 ta' Marzu 2013, kif tirriżulta mir-rapport tal-pulizija hija s-segwenti:

> *"Jien kont passiġġiera fuq quddiem u kif ħriġna minn Triq il-Port Ruman u ġejna kważi quddiem il-pitch ta' Marsaxlokk jien niżżilt rasi biex inġib il-basket u kif għollejt rasi ħassejt daqqa kbira u rajt tal-linja*

---

[7] Dok GC, fol 22-23

[8] Kontroeżami tal-attriċi, 07.07.2017, fol 150 et seq

> *l-Arriva."*

15. Fl-affidavit tagħha[9] li sar fit-13 ta' Ottubru 2016, hija xehdet hekk:

> *"…jiena kont passiġġiera fuq quddiem….Meta konna wasalna fejn il-Pitch ta' Marsaxlokk jiena tmejjilt daqsxejn u taqqalt idejja biex inġib il-basket li kelli fejn saqajja u kif għollejt rasi smajt lil Gertrude twerżaq u rajt il-karozza tal-linja tal-Arriva fuqna u din baqgħet dieħla fil-karozza tagħna. Id-daqqa bix-xarabank fuq il-Polo kienet qawwija ħafna tant li l-karozza tagħna spiċċat imdawwra xi tliet darbiet. Bl-ispeed li kienet għaddejja c-charabanc baqgħet sejra u waqfet ferm ħafna iktar 'il fuq.*
>
> *Gertrude kienet qed issuq fuq in-naħa tagħha tat-triq, bi speed baxx ħafna anke minħabba t-tfal żgħar li kellna magħna. Ngħid illi dak il-ħin ma kien hemm xejn li seta' jaljena lil Gertrude mill-attenzjoni tas-sewqan. Lanqas nitkellmu ma konna."*

16. Kontroeżaminata[10] enfasizzat li kellha rasha baxxuta għaliex riedet toħroġ portmoni minn ġol-basket.

> *"Kelli rasi baxxuta jiena. Kif għollejtha sibt tal-linja ġo wiċċna u ramietna lura."*

(iii) <u>Mark Grech</u>:

17. Fl-affidavit tiegħu li sar fit-13 ta' Ottubru 2016[11] Mark Grech xehed li dakinhar tal-inċident kien ħiereġ mill-*Acquatic Sports Club* ta' Marsaxlokk u ra l-inċident iseħħ. Qal hekk:

> *"Faċċata tiegħi kien hemm charabanc ġejja mid-direzzjoni ta' Birżebbugia, nieżel in-niżla tat-Torri ta' San Luċjan. Kien għaddej b' kemm itih. Anzi, ngħid li kien nieżel xkanat. Għalkemm speedometer f' idi ma kellix iżda żgur li l-ispeed tiegħu kien jeċċedi ferm sewwa dak regolamentari.*
>
> *Meta c-charabanc spiċċa n-niżla u ġie għal-liwja u kiser fuq ix-xellulg*

---
[9] Affidavit ta' Roberta Ciangura, fol 28-29
[10] Kontroeżami ta' Roberta Ciangura, 08.05.2017, fol 138 et seq
[11] Affidavit ta' Mark Grech, fol 30

> *tiegħu huwa kellu jiġbed daqsxejn 'il barra għal nofs it-triq minħabba li kif dar kien hemm dgħajjes kbar ipparkjati fuq ix-xellug tat-triq. Kif appena għamel hekk sab il-Polo ġejja mill-faċċata tiegħu fid-direzzjoni opposta fuq is-side tagħha tat-triq. Ic-charabanc laqat il-Polo fuq il-fanal tal-lemin u ħadha bil-fanal tal-lemin tiegħu. L-impatt kien qawwi ħafna. Bid-daqqa l-Polo bdiet tispinnja sakemm spiċċat imkaħħla mal-iskips ma' ġenb tat-triq tħares 'l isfel lejn Marsaxlokk. Bl-ispeed li kien ġej ic-charabanc ma waqfx mad-daqqa, iżda baqa' sejjer u waqaf xi ħamsin metru aktar 'il fuq."*

18. Kontroeżaminat[12] spjega li l-attriċi kienet sabitu fuq *Facebook* u talbitu jitla' jixhed u ilhom ħbieb fuq *Facebook* minn żmien l-inċident. Mistoqsi dwar l-affidavit tiegħu fejn xehed li s-sewwieq tax-xarabank kien għaddej b'veloċità li teċċedi dik regolamentari, senjatament jekk jafx x'inhu "speed regolamentari" qal li *"…lanqas naf x'inhi aħseb u ara kemm għidtha jien*." Qal li jaħseb li l-konvenut kien qiegħed isuq b'iktar minn "*sittin"*. Muri r-ritratt **Dok VPC2**[13], meħud minn fuq "*Google Maps"* immarka b'inka blu ċirku u salib kif ukoll vleġġa sabiex juri d-direzzjoni li kien sejjer fiha meta sar l-inċident. Din il-Qorti qiegħda tiċċirkonda dawn iċ-ċirku, salib u vleġġa bil-<u>kulur aħdar</u> sabiex wieħed jagħrafhom aħjar.

---

[12] Kontroeżami ta' Mark Grech, 11.04.2017, fol 81 et seq

[13] Dok VPC2, fol 73



**(b) Verżjoni tal-konvenut:**

19. Il-verżjoni mogħtija mill-konvenut dakinhar tal-inċident stess, fit-3 ta' Marzu 2013, kif tirriżulta mir-rapport tal-pulizija hija s-segwenti:

> *"Kont ġej min-naħa ta' Birżebbugia u f'daqqa waħda ġiet karozza min-naħa l-oħra, bil-kontra tiegħi u daħlet fija."*

20. Fl-affidavit tiegħu[14] li sar fit-18 ta' Ottubru 2017 qal li waqt ir-rotta ma eċċediex il-veloċità ta' ħamsin kilometru fis-siegħa u anzi meta wasal fin-niżla tat-Torri ta' San Luċjan naqqas aktar peress li kien il-Ħadd u allura jkun hemm il-monti. Qal ukoll li l-attriċi qasmet għal fuq il-

[14] Affidavit tal-konvenut, Dok JM, fol 164 -165.

karreġġjata tiegħu u bid-daqqa daret:

> *"Ngħid li matul ir-rotta m'eċċedejtx il-veloċità ta' madwar 50 fil-mija fl-ebda ħin. Inżid ngħid li meta wasalt fin-niżla tat-Torri ta' San Luċjan naqqast aktar il-veloċità peress li nhar ta' Ħadd ikun hemm il-monti u jkun hemm ħafna kummerċ ta' nies u karozzi u għalhekk trid bilfors issuq bil-mod. Nicħad għalhekk li kont qed insuq bi speed qawwi u ċjoè 60 mil fis-siegħa kif qed tgħid Ruth Carabott.*
>
> *Meta tlaqt in-niżla tat-Torri ta' San Luċjan u ġejt fil-wita u fi triq id-dritta jiena bqajt fuq sajdi bl-istess veloċità. Nispjega li man-naħa tax-xellug tiegħi kien hemm karozzi pparkjati f' posthom u ma kinux qed jokkupaw parti mill-karreġġjata li fiha kont qed insuq. Lanqas ma kien hemm dgħajjes ipparkjati f' dik il-parti tat-triq fejn seħħ l-impatt.*
>
> *F' ħin minnhom rajt il-vettura l-oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni KIM-713 ġejja għal fuqi. Jiena u naraha ġejja għal fuqi rajt lix-xufiera li kienet mara tħares lura – għal liem raġuni ma kontx naf dak il-ħin pero` wara sirt naf li kellha t-tfal fuq in-naħa ta' wara tal-vettura. Din baqgħet ġejja fuq sajdi, fis-sens li qasmet il-karreġġjata tagħha u ġiet head on għal fuqi. Bid-daqqa daret u ġiet kif jidher fir-ritratti. L-impatt seħħ fuq in-naħa tiegħi tat-triq. Niċħad li f' xi ħin soqt fin-nofs tal-linja tan-nofs tat-triq kif qed tgħid Ruth Carabott anzi f' kull ħin bqajt fuq sajdi.*
>
> *Jien immedjatament żammejt brake kemm jista' jkun pero` peress li jkolli l-passiġġieri bil-wieqfa ma stajtx nieqaf zopptu mal-inċident għaliex kont nipperikola l-passiġġieri peress li bi brake qawwi kienu jispiċċaw joħorġu mill-windscreen għaliex ma jkunux marbutin. B'hekk kont imxejt ftit metri 'l quddiem minn fejn seħħ l-impatt, żgur mhux iktar minn għaxar metri."*

21. Kontroeżaminat[15] qal li kien nieżel b'veloċità ta' 40 jew inqas. Mistoqsi kinux kilometri jew mili fis-siegħa wieġeb li jaħseb li kienu kilometri. Kompla hekk:

> *"Dik kont nieżel normali u rajt waħda, naf li bdiet tħares lura hekk, naf li kellha t-tfal u f' daqqa waħda daħlet ġo fija. Qabżet il-line u ħbatna head on. Dik li ġara…..Kienet ġejja bil-kontra hi tiegħi….qabżet il-line u daħlet għal ġo fija. Jien ma stajt nagħmel xejn iktar. Żammejt it-trakk bil-mod minħabba t-turisti…"*

22. Qal li bid-daqqa l-vettura tal-attriċi daret tliet darbiet.

[15] Kontroeżami tal-konvenut, 22.11.2017, fol 169

**(c) <u>Evidenza li tirriżulta mir-rapport u mix-xhieda tal-PS 966, mill-iskizz, mir-ritratti u mid-data tracking tax-xarabank misjuqa mill-konvenut:</u>**

23. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn il-verżjonijiet tal-partijiet huma tant kontrastanti, hija ta' importanza konsiderevoli l-evidenza li toħroġ minn sorsijiet indipendenti, bħal ma huma r-rapport, l-iskizz u x-xhieda tal-pulizija, kif ukoll ir-ritratti, id-*data tracking* tax-xarabank.

(i) <u>Ir-rapport tal-pulizija dwar l-inċident (**Dok RD1**)[16]</u>

24. Fuq ir-rapport tal-pulizija li ġie redatt u ffirmat minn PS 966 Race Desira, tniżżel hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Illum 03/03/2013 għall-ħabta ta' 12.10hrs il-pulizija tad-diviżjon ġiet infurmata li ġewwa Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk kien h emm persuna ta' sess femminili mal-art.*
>
> *Il-pulizija marret fuq il-post fejn irriżulta li kien hemm kulliżjoni bejn żewġ vetturi waħda bin-numru ta' reġistrazzjoni KIM713 tal-għamla Volgswagen u l-vettura numru ta' reġistrazzjoni BUS174 tal-għamla King Long tal-kumpanija tal-Arriva.*
>
> *Minn l-ewwel stħarriġ li sar irriżulta li l-vettura BUS174 kienet ġejja mid-direzzjoni ta' Birżebbugia sejra lejn Marsaxlokk fejn meta waslet fid-dawra ta' Triq il-Kavallerizza kien hemm il-vettura KIM713 li ġiet mid-direzzjoni opposta li ħabtet miegħu.*
>
> *Mal-inpatt irriżulta li l-vettura KIM713 daret u ġiet tħares direzzjoni lejn Marsaxlokk. Irriżulta ukoll li mal-impatt is-sewwieq tal-vettura BUS174 li kien Joe Mifsud ma sofra l-ebda ġrieħi iżda s-sewwieq tal-vettura KIM713 Gertrude Carabott kienet mal-art u kienet qed tilmenta minn*

[16] Rapport tal-pulizija, Dok RD1, fol 42 et seq

*xi uġigħ.*

*Fil-vettura KIM713 kien hemm ukoll Roberta Ciangura, Shana Ciangura ta' 7 snin, Markus Ciangura ta' 3 snin u Mariah Carabott ta' sena u tmien xhur li flimkien ma' Gertrude ġew meħuda b'ambulanza l-isptar Mater Dei għall-kura.*

*Fuq il-post ġie bin Gertrude, Gregory Carabott, detentur tal-karta tal-identita` 0263689M fejn ħa ħsieb il-vettura KIM713.*

*Illum 03/03/2013 għall-ħabta ta' 13.04 hrs il-pulizija ġew infurmati minn Dr Carlo Refalo med reg no. 3235 fejn qal li Gertrude, Roberta, Shana u Markus ma kinux fil-periklu tal-mewt.*

*Il-vetturi tneħħew minn fuq il-post.*

*<u>Minn aktar stħarriġ li sar ġie osservat li l-"ispot of impact" sar fil-karreġġjata tal-vettura BUS174 u dan ġie indikat mill-marki tat-tyres tal-vettura KIM713.</u>*

*Aktar stħarriġ għadu għaddej.   L-ispettur A Mercieca ġie infurmat bil-każ."*

(ii) <u>L-iskizz</u>

25. L-attriċi stess ippreżentat kopja tal-iskizz li jinsab a fol 63. Dan jidher li ġie ffirmat minn PS 966 Race Desira. Fil-fatt tali firma hija l-istess bħall-firma li tidher fuq ir-rapport.



(iii) Ix-xhieda ta' PS 966 Race Desira

26. Fix-xhieda tiegħu[17] PS 966 Race Desira kkonferma li dakinhar tal-inċident kien mar fuq il-post u li r-rapport **Dok RD1** ġie redatt minnu. Qal li l-vetturi kienu "*head on u maħbutin ma' xulxin.*" Dwar il-*point of impact* u *tyre marks* li jissemmew fir-rapport huwa qal hekk:

> *"Kien hemm marki tat-tyres, kienu ċari li kienu tal-vettura Volkswagen, li jidhru eżatt mit-tyres tagħha u li baqgħu deħlin fil-karreġġjata tal-bus, minn fejn kienet ġejja l-bus. Jiġifieri ma kinitx fuq il-karreġġjata tagħha imma ċaqilqet hemmhekk."*




[17] Xhieda ta' PS966 Race Desira, 16.11.2016, fol 38 et seq

27. Muri r-ritratti **Dok RD2** u **Dok RD3**[18] (li juru s-sit tal-inċident wara li seħħ l-inċident) huwa indika bl-ittri X u X fuq kull ritratt fejn jibdew u jispiċċaw it-*tyremarks* tal-vettura tal-konvenuta. Ikkonferma li x-xarabank sabha eżatt kif tidher fir-ritratti.

28. PS 966 Race Desira reġa' tela' jixhed[19]. Huwa reġa' kkonferma li a fol 63 tinsab kopja tal-iskizz li għamel hu. Mitlub jispjega fejn immarka "*spot of impact*" u "*debris*", qal:

> *"Mela, t-tyremarks kienu evidenti ħafna għax kienu jimmarkaw eżatti mat-tyres tal-vettura KIM-713. Id-debris u l-ispot of impact kienu jidhru għax kellhom parts u likwidu tal-karozza tal-linja, kien evidenti ħafna l-ispot of impact li kien hemm.*
> *…*
> *"…kien hemm likwidu ħiereġ mill-karozza. Jiġifieri dik it-tondjatura kienet il-likwidu, mill-karozza jew minn ta' din. Waħda minnhom. Imma nimmaġina iktar mill-karozza għax ma kienx hemm traċċi iktar. Li nista' nikkonferma li t-traċċi li kien hemm dawk li qishom biċċiet tal-karozza u affarijiet ma kienu fl-ebda dehra tat-triq imma kienu l-parti li mmarkajt jien.*
> *…*
> *….Kienu jidhru li ġew imkissrin dak il-ħin. Mhux xi ħaġa li ilha hemm biż-żmien. Jiġifieri kienet tindika li kienet friska l-evidenza li kien hemm mal-art. Saret dak il-ħin mal-impatt."*

29. Muri r-ritratt meħud minn "*Google Maps*" **Dok VPG2** (li xehed ukoll dwaru Mark Grech, *vide Dok VPG2 supra*) ix-xhud immarka fejn kien hemm l-arblu bl-ittra X, fejn seħħ l-inċident (*spot of impact*) bl-ittra A, u fejn sab il-karozza tal-linja bl-ittra B. Din il-Qorti ċċirkondat dawn l-ittri X, B u A bil-<u>kulur aħmar</u> sabiex jintagħrfu aħjar.

[18] Fol 53 u 54
[19] Xiehda tal-PS 966 Race Desira, 13.03.3017, fol 68 et seq

30. Mistoqsi għaliex fuq l-iskizz indika d-*debris* fuq naħa waħda, u mhux ukoll fuq fejn hemm l-*ispot of impact*, insista li fejn l-*ispot of impact* huwa fil-fatt indika d-*debris* ukoll. Enfasizza li d-*debris* jirriżulta anke mir-ritratt, fejn aċċenna għaċ-"ċappa sewda" u frak ieħor li jidhru fuq in-naħa tal-karreġġjata tax-xarabank.

(iv) Id-*data tracking* tax-xarabank u x-xhieda ta' Rita Azzopardi:

31. Rita Azzopardi (*Risk and Assurance Executive* fi ħdan il-*Malta Public Transport*) fix-xhieda tagħha[20] spjegat li l-Malta Public Transport "*ħadet over*" dak li kien l-Arriva. Qalet li dak iż-żmien tal-inċident kellhom sistema ta' *data tracking* li jindika fost affarijiet oħra l-veloċità kull 30 sekonda tar-rotta li tkun qiegħda tagħmel il-karozza tal-linja. Hija esebiet **Dok RA2** li turi kemm ir-rotta (bl-aħmar) u kif ukoll il-veloċità. Spjegat li qabel ma seħħ l-inċident il-konvenut kien qiegħed jagħmel 36 km fis-siegħa.

> *"Dak l-ispeed jittieħed eżatt mat-tletin sekonda li nkunu qegħdin nieħdu u l-bus jidher li kienet qed tagħmel 36km per hour."*

[20] Xhieda ta' Rita Azzopardi, 12.05.2017, fol 03 et seq




32. Fil-fatt ħarsa lejn l-*iscreenshot* ta' din id-*data tracking* turi li:

- fil-ħin ta' 12:05:43 kien għaddej bil-25.2;
- fil-ħin ta' 12:06:13 kien għaddej bis-46.8;
- fil-ħin ta' 12:06:43 kien għaddej bis-36;
- fil-ħin ta' 12.07.13 kien għaddej bis-36; filwaqt li
- fil-ħin ta' 12:07:43 (wara l-ħabta) kien wieqaf (0).

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

**<u>Responsabbiltà għall-inċident:</u>**

33. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li għall-inċident kien jaħti unikament il-konvenut. Hija waslet għal din il-konklużjoni wara li qieset diversi punti, li

din il-Qorti qiegħda tissintetizza kif ġej:

- li l-iskizz (Dok A, fol 63) tqiegħed f'dubju (u għalhekk skartatu);

- li mhux minnu li l-ħabta kienet *head on* (frontali) kif xehdu l-pulizija u l-konvenut, iżda kienet "*pinna ma pinna";*

- li hija aktar attendibbli l-verżjoni tal-attriċi li l-konvenut kien qiegħed isuq lejn il-linja medjana minħabba d-dgħajjes li kienu pparkjati mal-ġenb tan-naħa tiegħu tat-triq, u li kien għalhekk li seħħ l-impatt;

- li mir-ritratti a fol 53 u 54 li juru dak li baqa' fuq il-post wara l-inċident ma kinitx konvinta li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tal-konvenut, kif isostni hu;

- li għalkemm il-veloċità li biha kien għaddej il-konvenut ma kinitx eċċessiva, tenut kont tal-fatt li kien qiegħed isuq f'niżla u tenut kont li l-vettura tiegħu hija kbira u mgħobbija nies, kellu juża kawtela ferm akbar milli kien qiegħed isuq kwalsiasi tip ta' vettura oħra sabiex jekk ikun hemm il-ħtieġa li jieqaf ħesrem dan jista' jagħmlu: minflok kellu jwaqqaf ferm 'il bogħod mill-i*spot of impact*.

34. Din il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis dawn il-punti.

35. **<u>Dwar l-iskizz,</u>** (li inċidentalment ġie ppreżentat mill-attriċi stess, meta hija annettiet kopja tiegħu mat-taħrika ta' xhieda ta' PS 966 Race Desira) jirriżulta fil-11 ta' Mejju 2017, wara li l-attriċi kienet għalqet il-provi, hija ppreżentat rikors fejn qalet li rċeviet informazzjoni li dan kien "*ġie imħejji minn rappreżentanti tal-Arriva*" u għalhekk talbet lill-Qorti sabiex terġa' ttella' lill-PS 966 Race Desira kif ukoll lil PC 944 Carmine Grech u rappreżentanti tal-AIB Insurance Brokers. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba fl-1 ta' Ġunju 2017. Madanakollu ġimgħa biss wara, fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2017, id-difensur tal-attriċi b'referenza għar-rikors tal-11 ta' Mejju 2017 iddikjara "*illi mhux se jinsisti għall-produzzjoni tax-xiehda imsemmija fl-istess rikors.*" Għalhekk l-allegazzjoni tal-attriċi li r-rapport kien sar minn rappreżentanti tal-*Arriva* (u mhux mill-Pulizija), baqgħet biss allegazzjoni. Il-fatt li rrinunzjat għax-xhieda li semmiet fir-rikors fih innifsu jindika li aktarx kienet irrealizzat li l-allegazzjoni kienet waħda infondata.

36. In oltre mill-provi jirriżulta ampjament li l-iskizz fil-fatt sar minn PS 966 Race Desira. Dan qed jingħad mhux biss għaliex fuq in-naħa ta' fuq tal-iskizz hemm ismu u l-firma tiegħu (liema firma taqbel mal-firma li tidher fuq ir-rapport li ġie redatt minnu), u mhux biss għaliex l-istess PS 966

Race Desira kkonferma bil-ġurament tiegħu li kien fil-fatt <u>hu stess</u> li għamel l-iskizz, iżda wkoll għaliex il-mod tant speċifiku ta' kif xehed dwar il-kontenut tal-iskizz ma jħalli l-ebda dubju li fil-fatt irrediġieh hu. Hekk per eżempju spjega li fl-iskizz għamel id-*dotted line* għaliex fit-triq hemm id-*dotted line*; mistoqsi jindika bl-ittri X u X fejn jibdew u jispiċċaw it-*tyre marks* tal-vettura tal-attriċi fuq ir-ritratt **Dok RD2 u Dok RD3**, dawn effettivament jikkombaċjaw mat-*tyre marks* indikati fuq l-iskizz. Anke l-mod kif indika fuq **Dok VPG2** (ir-ritratt meħud minn "*Google Maps*") l-arblu tad-dawl, l-*ispot of impact*, u l-pożizzjoni ta' fejn spiċċat il-karozza tal-linja bl-ittri X, A u B rispettivament, jaqbel mal-mod kif dawn ġew indikati fuq l-iskizz. Ukoll xehed b'ċertu dettall dwar l-*ispot of impact* u d-*debris* li ġew indikati fuq l-iskizz.

37. Fid-dawl ta' dan kollu ċertament li ma jistax jingħad (kif qalet l-Ewwel Qorti) li "*mhux ċar min tabilħaqq għamel dan l-iskizz*". Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li dan l-iskizz, li huwa prova oġġettiva dwar dak li nstab fuq is-sit meta sar l-inċident, effettivament sar minn PS 966 Race Desira. Għalhekk assolutament li ma kienx il-każ li jiġi skartat.

38. **<u>Dwar il-fatt li l-konvenut u l-pulizija PS Race Desira jiddeskrivu l-impatt bħala wieħed *"head on"*</u>**, dan ingħata importanza konsiderevoli mill-Ewwel Qorti. Hija qieset li x-xhieda tagħhom mhix "verosmili" għaliex ir-ritratti juru li l-ħsarat li ġarrbu l-vetturi huma ħsarat tipiċi ta' ħabta li seħħ

pinna ma' pinna (fanal ma' fanal) u mhux ta' ħabta frontali. Qieset ukoll li l-fatt li l-vettura tal-attriċi spiċċat daret tliet darbiet qabel ma ħabtet mal-i*skips* juri kemm ma kinitx ħabta frontali, għaliex li kieku kien hekk il-vettura tagħha kienet tispiċċa mgħaffġa mill-karozza tal-linja.

39. Dan huwa minnu iżda kif jargumenta l-konvenut appellant l-użu tat-terminu "*head on*" flok "*fanal ma' fanal* " m'għandux jiġi interpretat bħala li x-xiehda tiegħu u tal-pulizija ma kinitx veritiera. Jidher li l-ħabta ġiet deskritta minnhom bħala "*head on"* fis-sens li kienet ħabta frontali (anke jekk parzjalment) <u>a differenza minn</u> ħabta "*front to rear*" jew ħabta laterali. Fil-fatt l-użu tat-terminu "*head on*" flok "*fanal ma' fanal*" mhux fattur materjali għall-attribuzzjoni tar-responsabbiltà. Din il-Qorti assolutament ma tarax li bil-fatt li l-konvenut u l-pulizija wżaw it-terminu "*head on*" allura jfisser li x-xhieda tagħhom mhux minnha.

40. **<u>Dwar f'liema parti tal-karreġġjati kienu qegħdin isuqu l-partijiet</u>**, l-Ewwel Qorti dehrilha li iktar kienet attendibbli t-teżi tal-attriċi (li l-ħabta saret għaliex il-konvenut kien qiegħed isuq lejn il-linja medjana minħabba d-dgħajjes li kienu pparkjati fil-ġenb tal-karreġġjata tiegħu) milli t-teżi tal-konvenut (li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tiegħu). Qalet li mir-ritratti a fol 53 u 54 (**Dok RD2** u **Dok RD3**) ma kinitx konvinta li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tal-konvenut.

41. Din il-Qorti assolutament ma tikkondivix tali konklużjoni. Fl-ewwel lok, l-iskizz (li għar-raġunijiet fuq mogħtija, ma kellux jiġi skartat) juri ċar li l-*ispot of impact* kien proprju fil-karreġġjata tal-konvenut. Il-pulizija insista li "*kien evidenti ħafna l-ispot of impact li kien hemm*", u spjega li t-tondjatura li pinġa bħala l-*ispot of impact* tirrappreżenta l-likwidu li kien ħareġ. L-iskizz juri wkoll it-*tyre marks* li jibdew minn ġewwa l-karreġġjata tal-konvenut u l-pulizija kkonferma li kienu magħmula mir-roti tal-vettura tal-attriċi, kif anke mmarka bl-ittri X u X fejn dawn it-*tyre marks* tal-vettura tal-attriċi jibdew u jispiċċaw fuq ir-ritratti **Dok RD2** u **Dok RD3** (fol 53 u 54). Dawn ir-ritratti juru wkoll ix-xarabank tal-konvenut ġewwa l-karreġġjata tiegħu.

42. Għalhekk kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, il-provi jxejnu t-teżi tal-attriċi u minflok isostnu t-teżi tal-konvenut, *ossia* li l-ħabta saret għaliex l-attriċi invadiet il-karreġġjata tal-konvenut.

43. U fl-aħjar ipotesi għall-attriċi, jekk wieħed jiskarta l-prova oġġettiva u indipendenti tax-xhieda tal-pulizija u tal-iskizz tiegħu u ta' dak li mmarka fuq ir-ritratti (kif għamlet l-Ewwel Qorti) dak li jibqa' huma l-verżjonijiet kontrastanti tal-partijiet li meqjusa waħedhom huma inkonklussivi. U quddiem provi inkonklussivi qajla jista' jitqies li l-attriċi, li istitwiet dawn il-proċeduri, issodisfat l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuqha.

44. **<u>Niġu issa għall-kwistjoni dwar il-veloċità</u>**. L-Ewwel Qorti qieset li għalkemm il-konvenut ma kienx qiegħed isuq b'veloċità li tista' titqies eċċessiva, tenut kont tal-fatt li l-vettura tiegħu għandha ċertu tunellaġġ u kienet f'niżla, kellu juża kawtela ferm akbar minn sewwieqa ta' vetturi oħra. Irriteniet li fiċ-ċirkostanzi dik il-veloċità li għall-konvenut setgħet titqies "normali" ma kienet normali xejn, u tant hu hekk li spiċċa waqaf f'distanza konsiderevolment 'il bogħod minn fejn seħħet il-ħabta mal-vettura tal-konvenuta.

**272. Limitu ta' Veloċità**

| Tip ta' vetturi | **Inħawi mibnija** Kemm-il darba ma jkunx indikat mod ieħor Km/h | **Bnadi oħra** Kemm-il darba ma jkunx indikat mod ieħor Km/h |
|---|---|---|
| Karozzi u *motorcycles* | 50 | 80 |
| Karozzi tal-linja u *coaches* (li mhumiex itwal minn 12-il metru) u vetturi kummerċjali żgħar sa 3 tunnellati | 40 | 60 |
| Vetturi tat-tagħbija (li jaqbżu t-3 tunnellati ta' l-akbar piż mgħobbi) | 30 | 40 |
| Vetturi industrijali u agrikoli (inklużi vetturi rmunkati) | 20 | 30 |

45. Il-Kodiċi tat-Traffiku stess fil-fatt jippreskrivi veloċitajiet massimi differenti skont il-vettura li tkun. Ir-Regolament numru 272 jippreskrivi li f' żoni abitati, bħal ma hija t-triq fejn saret il-ħabta, il-veloċità massima għal vetturi normali hija ta' 50 km fis-siegħa, filwaqt li għal karozzi tal-linja l-veloċità massima hija ta' 40 kilometri fis-siegħa.

46. Għalkemm l-attriċi xehdet li l-konvenut kien għaddej b'veloċità qawwija (skont hi madwar 60 mil fis-siegħa) u għalkemm ix-xhud okulari Mark Grech qal li kien għaddej "xkanat", l-estratt tad-*data tracking* ikkonfermat minn Rita Azzopardi mill-Malta Public Transport huwa l-aqwa prova dwar il-veloċità ta' 36 kilometri fis-siegħa li biha kien effettivament għaddej il-konvenut qabel il-ħabta. (Għalkemm l-attriċi fir-risposta tal-appell tagħha ssostni li dawn kienu 36 mili fis-siegħa u mhux kilometri fis-siegħa, Rita Azzopardi xehdet li kienu fil-fatt kilometri fis-siegħa).

47. Issa l-Kodiċi tat-Traffiku jipprovdi wkoll li f'ċertu sitwazzjonijiet, bħal fejn hemm liwja, il-prudenza titlob veloċità inqas:

> *"273. Dawn huma veloċitajiet massimi, iżda jistgħu jinħolqu diversi sitwazzjonijiet fejn il-prudenza titlob veloċitajiet inqas minħabba l-kwalità tat-triq, il-kundizzjonijiet tat-temp, il-kwantità ta' traffiku, il-preżenza ta' pedestrians u perikli oħra.*
>
> *274. Sewqan b'veloċità għolja għat-traffiku u l-kondizzjonijiet tat-triq jista' jkun perikolu. Dejjem għandek tnaqqas il-veloċità meta:*
> *• l-għamla u l-kundizzjoni tat-triq jippreżentaw periklu, bħal liwjiet.*
> *• sewqan fit-triq fejn hemm pedestrians u ċiklisti, partikolarment it-tfal u ċiklisti bil-mutur.*
> *• sewqan bil-lejl għax aktar diffiċli li tara oħrajn li qed jużaw it-triq."*

48. Fil-każ in kwistjoni l-konvenut xehed li kien niżel in-niżla tat-Torri ta' San Luċjan u ġie fil-wita; fil-fatt jidher anke mir-ritratti li fejn saret il-ħabta kien wita. Qal ukoll li ġie "*fi triq id-dritta*", għalkemm jekk wieħed jara r-ritratt meħud minn *Google Maps* **Dok VPC2** a fol 73, it-triq ma tidhirx dritta għal kollox iżda pjuttost imdawra. Bl-applikazzjoni tar-Regolament 274 allura f'dak il-punt huwa prudenti li s-sewwieqa jnaqqsu

mil-limitu. <u>B’36 kilometru fis-siegħa il-konvenut fil-fatt kien għaddej b’4 kilometri fis-siegħa inqas mil-limitu.</u>

49. Issa l-Ewwel Qorti qieset li l-fatt li wara l-ħabta l-konvenut waqaf f’distanza “*konsiderevolment ‘il bogħod”* minn fejn ġrat il-ħabta juri li l-veloċità li biha kien għaddej kienet tant li ma setax jikkontrolla l-vettura adegwatament “*meta jkun hemm ħtieġa li din titwaqqaf ħesrem*”. Din il-Qorti ma ssibx li dan huwa argument validu. Il-konvenut stess fix-xhieda tiegħu spjega li għalkemm żamm il-*brake* u naqqas ma waqafx “*zopptu*” għaliex kellu l-passiġġieri bil-wieqfa u mhux marbutin. Li kieku ħa *brake* “*ħesrem*” kien jipperikola l-ħajja tal-passiġġieri li kienu bil-wieqfa.

50. Għandu jingħad ukoll li anke kieku għall-grazzja tal-argument kellu jitqies li kien hemm xi eċċess ta’ veloċità da parti tal-konvenut, dan ma jattribwilux responsabbiltà jew kontributorjetà għas-sinistru ladarba jirriżulta li l-kawża prossima tal-inċident kien il-fatt li l-attriċi invadiet il-karreġġjata tal-konvenut.

51. Issir referenza għas-segwenti deċiżjonijiet fir-rigward ***Anna Stanley v. Alan Zahra (P.Awla, 23.03.1993):***

> *“Fil-fehma tal-Qorti, il-perit legali ma applikax il-prinċipji rikonoxxuti fil-ġurisprudenza “in civilibus” rigward l-effett tal-veloċità eċċessiva tal-main road user fuq id-determinazzjoni tar-responsabbilita` tas-sinistru. Ġie kostantament ritenut illi waqt li l-veloċità eċċessiva għal dik regolamentari, jekk tirriżulta ppruvata, tesponi lid-driver sija jekk ikun main road user u sija jekk ma jkunx, għal proċeduri kriminali kontra tiegħu għall-vjolazzjoni ta’ regolamenti tas-sewqan apposti; tali*

*veloċità eċċessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bħala fattur determinanti għar-responsabbilita` għall-inċident jew kontributorju għalih. Irid jiġi stabbilit sodisfaċentement illi l-veloċità eċċessiva kienet element determinanti li **pprovoka l-inċident** u li tista' titqies bħala l-kawża prossima tal-akkadut;*

*Hu ċar li fil-każ in eżami illi dak li pprovoka l-inċident ċertament ma kienx is-sewqan b' veloċità "ftit jew wisq ħaj" tad-driver tal-vettura tal-attriċi, imma l-fatt ippruvat u stabbilit mill-perit legali, illi l-konvenut invada t-triq prinċipali minn fejn kien nieżel il-Mercedes, mingħajr ma esplora sewwa dik it-triq u qabel ma aċċerta ruħu li seta' jagħmel dan bla jkun ta' tfixkil għat-traffiku ġej mill-main road."*

***Stefan Xuereb v. M'Concetta Debono et (Q. Appell, 30.03.2001)***

*"…din il-Qorti bhall-ewwel Qorti ma jidhrilix li hemm prova ta' speed eccessiv ghall-lokalita'. Inoltre hi sodisfatta wkoll li l-kawza prossima u immedjata tal-incident ma kienitx il-velocita' li biha kienet qed tigi misjuqa l-vettura tal-attur imma kien il-mod inkonsult kif il-konvenuta ddecidiet li tittraversa t-triq li mill-Mosta taghti ghal Hal-Lija bil-mod kif ittraversata u kkrejat emergenza subitaneja ghat-traffiku gej mid-direzzjoni tal-lemin taghha. Stabbilit dan, hi pacifika l-gurisprudenza li f'kaz kongruwi l-fatt li jista' jirrizulta anke xi eccess ta' velocita' ma kellux ikun fattur li jaddebita kontributorjeta ghas-sinistru fuq driver illi kien altrimenti qieghed in piena osservanza tar-regolamenti tat-traffiku."*

***Gasan Insurance Agency Ltd v. Joseph De Leonardi (P. Awla 30.03.2001)***

"Ġie diversi drabi ritenut mill-Qrati tagħna li:

*Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti l-ispeed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjeta' purche l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista jissejjah "sfrenat". ( S.Mizzi vs J.Grech 23/3/72 u A.Bartolo vs K.Micallef 16.2.73)*

**<u>DECIDE:</u>**

52. **Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-**

**konvenut appellant (dwar ir-responsabbiltà) huwa ampjament fondat u għalhekk mhux il-każ li tikkunsidra t-tieni aggravju tiegħu u l-appell inċidentali tal-attriċi (dwar il-kwantum tad-danni).**

53. **Konsegwentement qiegħda tħassar is-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut (ħlief għar-raba' eċċezzjoni, li qiegħda tastjeni minnha minħabba li tirrigwarda d-danni) u tiċħad it-talbiet attriċi.**

54. **L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kollha mill-attriċi.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr